Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 233/2013

**Spettur Elton Taliana (K.I Nru. 146680M)**
**(appellant)**

**vs**

**Alexander Farrugia (K.I. 160878M)**
**(appellat)**

30 ta' Gunju 2017

**Il-Qorti:**

Rat **ir-Rikors tal-Ispettur Elton Taliana tat-13 ta' Awissu 2013** permezz ta' liema huwa talab lill-Qorti tiddikjara illi l-artikolu ntitolat '*Iz-zghazugh li spicca l-habs intortament ... Spettur kien jaf bl-izball ... u M'Ghamel Xejn"* ippublikat f'pagni 1 u 6 tal-harga ta' "It-Torca" tal-11 ta' Awissu 2013 - ta' liema gazzetta l-intimat huwa l-editur registrat – huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghandu bhala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu. Huwa talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu d-danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat ir-**Risposta tal-intimat Alexander Farrugia tal-25 ta' Settembru 2013**[1] permezz ta' liema huwa eccepixxa li: (i) kulma deher fil-kitba li minnha qed jilmenta r-rikorrenti huma fatti veri u li jigu ppruvati; u (ii) dawn il-fatti u l-episodju kollu bhala sfond taghhom huma ta' nteress pubbliku u kien dmir tieghu li jwassal dan it-tgharif lill-qarrejja tieghu, liema dmir jikkorrispondi mad-dritt tal-qarrejja li jkunu mgharrfa b'affarjiet ta' nteress pubbliku bhal dawn.

Rat **is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 t'April 2016** li ddecidiet il-kaz billi laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u cahdet it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

[1] Fol 6.

Ir-rikorrent appella u l-intimat wiegeb[2]. Waqt is-seduta tat-18 ta' April 2017 dehru d-difensuri tal-partijiet u l-appellant u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

L-aggravji jirrigwardaw allegati zball ta' fatti u zball ta' dritt.

**Fatti.**

Qabel telenka l-fatti l-qorti taghmel riferenza ghal dak li qal l-attur f'paragrafu 10 tar-rikors tal-appell, li r-rapport tal-Police Board qieghed jigi kkontestat f'kawza u l-kontenut ma jikkostitwix prova skont il-ligi. Il-qorti tosserva li meta r-rapport kien prezentat fl-ewwel qorti fis-seduta tat-22 ta' Settembru, 2014, l-attur ma kkontestax l-ammissibbilta' tieghu bhala prova. Il-qorti tistenna li min irid joggezzjona ghal xi prova ghandu jiftah halqu fil-mument li tigi pprezentata u jitlob provvediment mill-qorti li quddiemha tkun tressqet il-prova, u mhux jibqa' passiv sakemm tinghata s-sentenza mill-ewwel qorti. Ovvjament il-konkluzjoni li wasal ghaliha dak il-Bord hi materja ta' opinjoni li zgur li ma torbotx lil din il-qorti. Ghalhekk dik il-konkluzjoni ma tistax isservi bhala prova li l-eccezzjoni tal-verita tal-fatti kienet gustifikata. Pero' fir-rapport hemm citat estratti mid-deposizzjoni li ta l-attur quddiem il-Bord. Quddiem l-ewwel qorti ma jirrizultax li l-attur qatt cahad li qal dak il-kliem u wisq inqas ma jirrizulta li kkontesta l-kostatazzjonijiet ta' fatt li ghamel il-Bord.

i. L-appellant huwa Spettur tal-Pulizija u l-appellat kien l-editur tal-gazzetta "It-Torca";

ii. **Il-Hadd 4 ta' Awissu 2013** fid-9.05pm dahlet telefonata d-Depot tal-Pulizija li kien sehh 'hold up gewwa l-hanut 'Convenience Shop' fi Triq Alfred Mifsud, Birkirkara;

iii. Mid-Depot gew avzati b'dan kemm l-Ghassa tal-Pulizija ta' B'Kara, it-taqsima tar-*Rapid Intervention Unit*, l-Ispettur Keith Arnaud tac-CID u l-Ispettur gewwa d-Depot sabiex jinbdew l-investigazzjonijiet;

iv. L-appellant, li fl-epoka kien stazzjonat l-Ghassa ta' Birkirkara, mar fuq il-post fejn sab li diga' kien hemm l-Ispettur Arnaud u l-iskwadra tac-CID;

v. L-appellant avza lill-Magistrat tal-ghassa li ordnat li ssir inkjesta magisterjali u appuntat diversi esperti fosthom lil Dr Martin Bajada biex jezamina r-ritratti tac-CCTV;

vi. L-espert Dr Bajada li wasal ftit wara, flimkien mal-appellant, intervistaw liz-zewg impjegati tal-hanut dwar ic-cirkostanzi kollha tal-incident;

[2] Fol 14 et seq

vii. Fl-akwati kien hemm ukoll xi cameras tac-CCTV ma' St Anne's Clinic u ma' da Vinci Hosptal, izda dawn ma kinux accessibbli dak il-hin peress li kienu maghluqin;

viii. L-ghada tas-serqa, fil-**5 t'Awissu** ghat-8.00pm, l-Ispettur Mercieca tas-CID, li huwa l-ufficjal inkarigat mit-tmexxija ta' nvestigazzjonijiet dwar *hold-ups* u li ghalhekk kien qed imexxi l-kaz, ha stqarrija minghand Sue Ellen Cassar li kienet impjegata fil'hanut fejn twettaq ir-reat;

ix. **It-Tlieta 6 t'Awissu**, l-ispettur Mercieca gie nfurmat li kienet inghatat informazzjoni minghand *informer* li l-halliel kien certu Darryl Luke Borg;

x. Dakinhar stess ghal xi 11.30am l-ispettur Mercieca talab lill-Magistrat Inkwirenti sabiex jawtorizzah jghaddi ghall-arrest ta' Borg. Wara d-debita awtorizzazzjoni, l-ufficjali tal-Pulizija ghal habta ta' xi 1.00pm arrestaw lil Borg u haduh maghhom ghall-interrogazzjoni. Fis-5.45pm ittiehdet l-istqarrija ta' Darryl Luke Borg;

xi. L-ghada **7 t'Awissu** l-ispettur Mercieca rega' nterroga lil Borg fid-9.25am u wara tressaq il-Qorti akkuzat bil-hold-up in kwistjoni. Il-prosekuzzjoni oggezzjonat ghat-talba sabiex l-imputat jinghata l-helsien mill-arrest, u fil-fatt il-qorti cahdet it-talba;

xii. Dakinhar stess, l-appellant u l-espert Dr Bajada iltaqghu ghal xi 1pm biex jelevaw u jezaminaw il-footage tac-CCTV cameras tas-*St Anne's Clinic* u ta' *Vinci Hospital*. Waqt li kienu *St Anne's Clinic*, l-appellant ircieva telefonata minghand is-Supretendent Antonello Grech fejn qallu biex jieqaf minn dak li kienu qed jaghmlu ghaliex tas-CID kienu harrku persuna in konnessjoni mal-hold-up in kwistjoni;

xiii. **Fit-8 t'Awissu** ghall-habta ta' 7pm, l-appellant ircieva nformazzjoni minghand *informer* illi l-persuna li tressqet il-Qorti ma kinitx involuta fil-*hold-up* u li s-serqa saret minn certu Roderick Grech maghruf bhala *"ic-China"*. L-appellant iltaqa' ma' dan l-*informer* minnufih. Malli giet konfermata l-identita' ta' Grech, l-appellant cempel dak il-hin stess lill-Magistrat tal-Ghassa, ghall-habta ta' 7.45pm u wara li ftehmu hin iltaqa' mieghu u ffirmalu l-Mandat t'arrest;

ix. L-appellant irritorna l-Ghassa ta' Birkirkara, ta l-kopja tal-Mandat lil surgent li mar u arresta lil Roderick Grech;

x. L-appellant ma nterrogahx hu lil Grech, izda talab lis-surgent imsemmi biex itih it-Twissija skont il-ligi u jsaqsih jekk riedx ikellem avukat. Grech talab ghal avukat partikolari li izda kien imsiefer u sar ftehim biex icemplulu fl-esteru l-ghada fid-9am;

xi. L-ghada **9 t'Awissu**, wara li saret din it-telefonata mid-Depot marru l-Ghassa u bdiet

tittiehed l-istqarrija ta' Roderick Grech. Din bdiet f'10.59am u spiccat fil-11.25am[3]. Grech ammetta li kien hu li ghamel il-*hold-up* fuq il-hanut in kwistjoni u li kien lest jirritorna l-balaclava u anki l-pistola uzata;

xii. L-appellant ikkomunika mas-superjur tieghu, is-Supretendent Magri, sabiex jitlob gwida dwar kif kellu jaghmel att t'akkuza fil-kaz ta' *hold-up* izda minghajr ma tah dettalji dwar liema kien il-*hold-up*;

xiii. Malli kellu l-balaclava f'idejh, l-appellant cempel lill-Magistrat Claire Stafrace. Qalilha li kellu ammissjoni ta' *hold-up*, u qaltlu biex iressqu. Huwa baqa' sejjer bi Grech il-Qorti;

xiv. Qabel bdiet il-kawza l-appellant kellem lill-Magistrat u spjegalha li kien hemm persuna ohra li kienet diga' tressqet mic-CID fuq l-istess hold-up izda ma kienx jaf quddiem min tressaq. Hija qaltlu biex idahhlu u Roderick Grech ammetta l-akkuzi quddiem il-Qorti;

xv. Kif hareg mill-awla l-appellant cempel lis-Supretendent Magri u nfurmah b'li kien gara. L-appellant ikkomunika mal-Magistrat Doreen Clarke li kienet qed tmexxi l-investigazzjoni dwar il-*hold-up* u nfurmaha li fuq il-*hold-up* kien harrek persuna ohra u li ammetta l-akkuzi;

xvi. Dakinhar stess wara nofsinhar, ghal habta ta' 2.45pm, l-appellant baghat messagg (lill-Korp kollu tal-Pulizija) li huwa kien ressaq lil Roderick Grech dwar l-istess *hold-up* u li dan gie kkundannat;

xvii. Malli l-Kummissarju ta' dak iz-zmien Pietru Pawl Zammit sar jaf li Darryl Luke Borg kien ghadu qed jinzamm il-habs meta Roderick Grech kien ammetta li wettaq reat, huwa agixxa mmedjatament u ta' struzzjonijiet biex isiru r-rikorsi necessarji sabiex Borg ikun jista' jigi skarcerat;

xviii. Fid-**9 t'Awissu** stess, saru rikorsi kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza ta' Darryl Luke Borg quddiem il-Magistrat Stafrace Zammit, u dakinhar stess Darryl Luke Borg kien inghata l-liberta' provizorja taht diversi kundizzjonijiet;

xviv. Fit-**12 t'Awissu**, il-Pulizija rtirat l-akkuzi kollha fil-konfront ta' Darryl Luke Borg, liema talba giet milqugha mill-Qorti u l-proceduri kontrih gew dikjarati ezawriti.

L-artikolu mertu tal-kaz tal-lum, kif pubblikat fil-gurnal "It-Torca" u intitolat "*iz-zaghzugh li spicca l-habs intortament….." - u jkompli b'tipa akbar – "Spettur kien jaf bl-izball…..u*

[3] Stqarrija esibita a fol 16

*m'ghamel xejn*" jghid hekk[4] -

*"L-istorja ta' Darryl Luke Borg ta' 27 sena minn Birkirkara li nhar l-Erbgha kien mixli b'hold-up fuq hanut fl-istess lokalita' u spicca l-Habs innocentement ghax kien iehor li wettaq ir-reat, qajjem diskussjoni u anke rabja. Izda barra l-izball li sar min-naha ta' l-Ispetturi mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali li ressquh bi zball, sar zball akbar li Spettur iehor, li kien jaf li hemm persuna innocenti l-Habs, m'ghamel xejn minkejja l-obbligu tieghu kien jitlob li jaghmel.*

*Sorsi qrib il-Korp tal-Pulizija qalu lit-Torca li l-Ispetturi Joseph Mercieca u Carlos Cordina jidher li mxew, bl-ewwel indikazzjonijet u setghu ghagglu biex ressqu lil Borg u akkuzawh bil-'hold-up'. Dan kien zball li ma jistax jigi michud.*

*L-istess sorsi, izda, sahqu li kien ferm zball ikbar li bniedem innocenti thalla jumejn imsakkar meta ufficjal tal-Puluzija kien jaf bl-innocenza tieghu. Fil-fatt meta l-Ispettur Elton Taliana nhar il-Gimgha ressaq lill Roderick Grech ta' 22 minn Birkirkara, kmieni wara nofsinhar, Grech mhux biss kien mixli bil-'hold-up' u li zamm liz-zewgt impjegati kontra l-volonta' taghhom imma anke ammetta u kien ikkundannat mill-Magistrat Claire Stafrace Zammit 12-il xahar habs sospizi ghal sentejn.*

*Is-sorsi qalulna li l-Ispettur Taliana kien fid-dmir li jinforma lis-superjuri tieghu minnufih li kellu persuna ohra li ammetta r-reat biex immedjatament jibdew il-proceduri biex tinheles il-persuna li kienet arrestata illegalment u mhux imur il-Qorti u jiddikjara li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn zewgt taqsimiet tal-Pulizija.*

*Kif il-Kummissarju tal-Pulizja sar jaf b'dak li gara l-Gimgha wara nofsinhar fetah investigazzjoni minnufih. Gie ukoll infurmat bil-kaz il-Ministru tal-Intern li min-naha tieghu talab lill-Bord tal-Pulizija li huwa mmexxi mill-Imhallef Franco Depasquale biex jinvestiga u jhejji rapport.*

*Dan il-bord kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn imma, minhabba l-urgenza u s-serjeta tal-kaz, l-Imhallef Depasquale ddecieda li jlaqqa' l-bord il-bierah stess.*

*[.....]*

*Sorsi fil-kamp legali qalulna li f'kaz simili l-ufficjal li jkun naqas li jiehu passi meta jkun jaf li sar xi haga illegali ma jeskludux li jittiehdu passi fil-konfront tieghu."*

1. L-appellant jilmenta li uhud mill-"fatti" kif elenkati mill-ewwel Qorti mhux biss ma rrizultawx mill-provi (kif dikjarat minnha) izda addirittura kienu l-oppost:

(i) **Ilment**: L-ewwel Qorti qalet li l-ispetturi Joseph Mercieca u Carlos Cordina kienu "arrestaw" lil certa Sue Ellen Cassar u hadulha l-istqarrija taghha meta qatt ma kienet arrestata.

**Fatt** - l-unika prova li harget u rrizultat mir-rapport tal-inkjesta tal-Bord tal-Pulizija kienet li "*l-Ispettur Mercieca interroga u ha l-istqarrija tal-impjegata Sue Ellen Cassar....*[5]". Minn

[4] Fol 2

[5] Fol 37

imkien ma rrizulta li Cassar kienet f'xi hin arrestata.

(ii) **Ilment**: Id-data tat-tehid tal-istqarrija ta' Roderick Grech ma kinitx fit-8 t'Awissu 2013 izda l-ghada. Ukoll, l-ammissjoni saret lejn l-ahhar tal-istqarrija u cioe' ftit minuti qabel il-11.25am.

**Fatt**: Din il-Qorti diga' qalet li d-data tal-istqarrija ta' Grech saret fid-9 t'Awissu u damet mill-10.59am sal-11.25am. Izda l-ammissjoni ma saritx lejn l-ahhar tal-istqarrija, anzi pjuttost fil-bidu taghha. Fl-interrogatorju Roderick Grech gie mistoqsi 22 domanda. Huwa ammetta mar-raba' domanda meta qal – *"Jien dhalt u sraqt dak il-hanut*[6]*."*

(iii) **Ilment**: L-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li l-appellant kien ottjena l-balaclava u l-pistola uzati minn Roderick Grech fil-hold-up qabel ma beda jinterrogah.

**Fatt:** L-ahhar domanda li saret mill-appellant lil Roderick Grech waqt it-tehid tal-istqarrija tieghu kienet hekk: *"Int lest li tirritorna il-balaclava u l-pistola lura lill-Pulizija?"*, ghall-liema domanda Grech kien wiegeb *"Iva*[7]*."* Prova cara li, kif tajjeb jirrimarka l-appellant, il-pulizija ma kinitx fil-pussess tal-balaclava u l-pistola qabel u waqt l-interrogatorju li sar lil Roderick Grech izda *se mai* ottjenithom wara. Mhux car pero' f'liema hin dawn iz-zewg oggetti nghataw lill-pulizija. Izda minn dak li xehed l-appellant stess quddiem il-Bord tal-Pulizija, dan kien f'xi hin bejn it-tmiem tat-tehid tal-istqarrija u t-telefonata li ghamel lill-Magistrat tal-ghassa. L-appellant kien qal hekk– *"(Grech) ammetta u ghamel statement; qal li kien lest li jgib il-balaclava u anki l-pistola…..kif kelli l-balaclava f'idejja, cempilt lill-Magistrat Claire Stafrace*[8]."

(iv) **Ilment**: Skont l-ewwel Qorti, qabel ma' Roderick Grech tressaq quddiem il-Magistrat tal-ghassa, l-appellant gharraf lill-istess Magistrat illi kien gja tressaq persuna ohra in konnessjoni mal-hold-up izda ma kienx jaf fejn. Skont l-appellant, hija l-Qorti biss li setghet tillibera lil Darryl Luke Borg, u kien ghalhekk li huwa l-ewwel informa lill-Qorti li persuna ohra kienet tressqet dwar l-istess hold-up u mbaghad wara li Grech ammetta u nstab hati tal-akkuzi mill-Qorti huwa pproceda biex javza lis-superjuri tieghu. Bejn il-prezentata ta' Grech quddiem il-Qorti u l-ammissjoni tieghu ghaddew ftit minuti. Ghalhekk mill-mument li Grech ammetta r-reat fl-istqarrija tieghu quddiem l-appellant sal-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti ma kinux ghadhom ghaddew 45 minuta. F'perjodu ta' inqas minn siegha, kienet infurmata l-ewwel Qorti, u mmedjatament wara s-superjur tal-appellant.

**Fatt**: Is-sekwenza tal-fatti kif riprodotti mill-ewwel Qorti u kwotati mill-appellant f'dan l-

[6] Fol 17.

[7] Fol 18.

[8] Fol 42.

ilment huma korretti. Sewwa qalet l-ewwel Qorti li qabel ma Roderick Grech tressaq quddiem il-Magistrat ta' l-Ghassa l-appellant gharrafha li kien diga tressaq persuna ohra in konnessjoni mal-*hold up*, izda ma kienx jaf quddiem min tressaq. Dan huwa riprodott direttament mix-xhieda moghtija mil-appellant quddiem il-Bord tal-Pulizija. L-ewwel Qorti korrettement kompliet tghid li (i) eventwalment Roderick Grech ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u instab hati talli ghamel il-hold up; u (ii) wara li l-appellant ressaq lill Roderick Grech u dan ammetta w instab hati tal-akkuzi, huwa ipproceda biex jgharraf lis-superjuri tieghu dwar dan kollu.

Probabbilment u kif normalment jigri, bejn il-prezentata ta' Grech u l-ammissjoni tieghu ghaddew biss ftit minuti. Ma giex pruvat pero' kemm kien ghadda hin ezatt bejn it-tmiem tal-istqarrija ta' Grech (11.25am) u l-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti wara li tressaq. L-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti li huwa ressaq lil Roderick Grech quddiem il-Qorti xi tlett kwarti wara li ntemmet l-istqarrija[9]. Il-Qorti tqis li huwa nverosimili li Grech tressaq f'hin daqshekk qasir tenut kont li kif anke xehed l-appellant stess quddiem il-Bord[10] huwa (i) l-ewwel kellu jottjeni l-balaclava u l-pistola uzati fil-hold-up, (ii) wara jcempel u gie ffissat il-hin li fih kien ser jitressaq il-qorti, (iii) f'xi hin qabel jew wara dan, cempel lis-Supretendent Magri biex jitolbu gwida dwar kif jifformula l-akkuza f'kaz ta' *hold-up*, (iv) imbaghad riedet tigi formulata l-akkuza u (v) wara Grech ittiehed il-Qorti fejn ammetta. Difficilment dan kollu sar f'hamsa u erbghin minuta biss. Pero' l-Qorti tqis li bhala fatt, xorta ma kienx ghadda hin twil wisq tenut kont li fil-11.25am giet mitmuma l-istqarrija u sa 2.45pm dakinhar stess l-appellant kien diga' baghat javza bil-miktub lill-Korp tal-Pulizija li huwa kien ressaq lil Grech il-Qorti u li dan ammetta u gie kkundannat[11]. B'hekk l-ispazju ta' hin massimu huwa ta' inqas minn tlett sighat u kwart.

(v) **Ilment**: Il-provi juru l-oppost ta' dak li gie dikjarat mill-ewwel Qorti meta hija qalet li kien biss wara illi r-rikorrent gharraf lis-superjuri tieghu illi l-Pulizija gew a konjizzjoni tal-fatt illi kien hemm persuna ohra li tressqet u ammettiet li ghamlet il-'hold up', li tieghu kien gia akkuzat Darryl Luke Borg u, kien ukoll wara illi l-Kummissarju tal-Pulzijia ta' dak iz-zmien, il-PL Pietru Pawl Zammit gie mgharraf b'dan il-fatt, li huwa ha hsieb sabiex jigu ppresentati l-atti necessarji sabiex Darryl Luke Borg jigi rilaxxjat mill-habs minnufih. Ukoll, il-proceduri ghall-helsien mill-arrest ta' Darryl Luke Borg saru biss mill-avukati difensuri tieghu u mhux mill-pulizija. Il-pulizija sempliciment m'oggezzjonatx ghall-helsien mill-arrest ta' Borg.

**Fatt:** Anke jekk il-hin bejn il-prezentata u l-ammissjoni ta' Grech fil-Qorti kien probabilment qasir, dak li qalet l-ewwel Qorti kien korrett fis-sens li kien **wara** li Roderick Grech tressaq il-Qorti u ammetta l-akkuzi kontrih li s-superjuri tal-appellant saru jafu

[9] Fol 12.

[10] Fl 42.

[11] Fol 44.

b'dan l-episodju. Precizament, kif qal l-appellant stess – *"Kif hrigt mill-Awla cempilt lil Magri u ghedtlu kollox*[12]*."* Il-Qorti ma semmietx hinijiet u dawn mhumhiex maghrufa bi precizjoni lanqas. Huwa korrett ukoll kif qalet l-ewwel Qorti li malli l-Kummissarju ta' dak iz-zmien Pietru Pawl Zammit gie mgharraf b'dan il-fatt, huwa ta struzzjonijiet biex jigu pprezentati l-atti necessarji sabiex Darryl Luke Borg jigi rilaxxjat mill-habs minnufih. Dan xehdu wkoll b'mod mhux kontradett l-istess Pietru Pawl Zammit[13]. Bhala fatt ukoll, fid-9 t'Awissu 2013 gie prezentat kemm rikors mid-difiza ta' Darryl Luke Borg ghall-helsien mill-arrest kif ukoll rikors iehor mill-ispetturi Joseph Mercieca u Cordina[14]. Darryl Luke Borg gie rilaxxjat bil-liberta' provizorja aktar tard dakinhar stess. Kien imbaghad fit-12 t'Awissu, kif irrimarka l-appellant, li l-Pulizija rtirat l-akkuzi kollha fil-konfront ta' Darryl Luke Borg u l-Qorti ddikjarat li proceduri kontrih gew ezawriti[15].

2. L-appellant ikompli jilmenta li:

i. L-ewwel Qorti ma kkunsidratx tnejn mill-4 ilmenti tieghu u li bihom huwa hassu malafamat;

ii. L-ewwel Qorti trattat l-eccezzjoni tal-intimat bhala wahda ta' kumment gust meta fil-fatt huwa kien eccepixxa l-verita' tal-fatti;

iii. L-allarm seta' biss jindaqq meta Roderick Grech ammetta l-akkuzi quddiem il-Qorti u nstab hati taghhom u dan sehh meta Taliana cempel lis-superjur tieghu biex jinfurmah b'dak li gara;

iv. L-allegazzjonijiet pubblikati mill-appellat u cioe' li Darryl Luke Borg inzamm jumejn il-habs tort tal-appellant, u li fid-data li fiha Borg tressaq il-Qorti u giet rifjutata lilu l-liberta' provizorja, l-istess appellant kien jaf li Borg tressaq bi zball huma foloz u ma gewx ppruvati.

Mix-xhieda tieghu moghtija quddiem l-ewwel Qorti l-appellant hassu malafamat bil-kontenut tal-artiklu in ezami fir-rigward ta' dawn l-aspetti:

i. It-titlu nnifsu tal-artiklu ghax –

> *"diga' hemm zewg statements illi minnhom infushom huma malafamanti fis-sens illi meta jghidu l-Ispettur kien jaf bl-izball daka huwa malafamanti ghax mhuwhiex veru li jien kont naf bl-izball ghax ma kienx hemm zball u t-tieni statement 'u m'ghamel xejn' dak huwa malafamanti wkoll ghax*

---

[12] Fol 42.

[13] Fol 71.

[14] Fol 58 (punt G pagna 14).

[15] Fol 58 (punt H pagna 14).

*m'huwhiex minnu li m'ghamilt xejn. Anzi jien ghamilt kull ma stajt u kien possibbli fil-ligi li naghmel"*[16]*;*

ii. L-ewwel paragrafu tal-artikolu f'dik il-parti tieghu fejn inkiteb –

*"sar zball akbar li Spettur iehor, li kien jaf li hemm persuna nnocenti l-habs, m'ghamel xejn minkejja l-obbligu tieghu kien jitlob li jaghmel".*

Ghall-appellant dan huwa malafamanti ghax *"jiena ma kontx naf illi kien hemm xi hadd innocenti l-habs nghid anzi mill-investigazzjoni kollha li ghamilt jien, qatt ma kien irrizultali illi kien hemm xi hadd innocenti jinsab il-habs*[17]*.";*

iii. It-tielet paragrafu tal-artikolu f'dik il-parti tieghu fejn inkiteb –

*"l-istess sorsi izda sahqu li kien hemm ferm zball akbar li bniedem innocenti thalla jumejn imsakkar meta l-Ufficjal tal-Pulizija kien jaf bl-innocenza tieghu".*

Ghall-appellant dan huwa malafamanti ghax l-istqarrija ta' Roderick Grech bl-ammissjoni tieghu ittiehdet fid-9 t'Awissu qabel il-11.30am u wara li tressaq il-Qorti ftit hin wara u ammetta hemm l-appellant kien immedjatament cempel lis-superjuri tieghu. Allura mhuwhiex minnu li hu halla persuna nnocenti arrestat il-habs ghal jumejn;

iv. Ir-raba' paragrafu tal-artikolu f'dik il-parti tieghu fejn inkiteb –

*"Is-sorsi qalulna li l-Ispettur Taliana kien fid-dmir li jinforma lis-superjuri tieghu minnufih li kellu persuna ohra li ammetta r-reat biex immedjatament jibdew il-proceduri biex tinheles il-persuna li kienet arrestata llegalment u mhux imur il-Qorti u jiddikjara li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn zewg taqsimiet tal-Pulizija."*

Ghall-appellant dan huwa malafamanti ghax fl-ewwel lok mhuwhiex minnu li hu qatt iddikjara fil-Qorti li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn iz-zewg taqsimiet tal-Pulizija u fit-tieni lok id-dmir tieghu kien li la kellu nformazzjoni huwa kien fid-dmir li jibqa' jinvestiga l-kaz a tenur tal-artikolu 356 tal-Kap 9 kif fil-fatt ghamel tant li malli kellu f'idejh il-konfessjoni ta' Grech huwa ressqu dritt il-Qorti. Dan skont l-appellant huwa wkoll in linea mal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fejn jinghad illi persuna akkuzata trid tingieb mill-aktar fis possibbli quddiem Qorti bl-akkuzi kontra taghha.

**Konsiderazzjoni.**

[16] Fol 11.

[17] Fol 11.

Huwa minnu li l-eccezzjoni sollevata mill-appellat hija precizament dik ta' verita' tal-fatti u mhux tal-kumment gust. Jinghad pero' li n-natura nfisha ta' dawn iz-zewg difizi tirrikjedi l-piz tal-prova fuq l-appellat biex juri li l-fatti attribwiti minnu fl-artiklu huma **sostanzjalment minnhom.**

Dwar id-difiza tal-*exceptio veritatis*, fil-kaz **Brian Ebejer vs Dennis Degiorgio deciz fid-29 ta' Settembru 2011**[18] il-Qorti qalet hekk –

> *"Illi dwar id-difiża tal-verita' tal-fatti ("plea of justification"), irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbilta' kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabilit li "in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified."*
>
> *Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun kemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. "A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that he believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages".*

L-oneru tal-prova tal-verita' tal-fatti kien fuq il-konvenut.

Fl-artikolu oggett tal-kawza hemm diversi fatti li gew ippruvati. Hekk per ezempju:

i. Darryl Luke Borg spicca l-habs innocentement ghax kien Roderick Grech li wettaq ir-reat;

ii. Il-kaz qajjem diskussjoni u rabja. Infatti d-dibattitu dwaru dam zmien ghaddej fuq il-mezzi tal-media u siti socjali;

iv. Meta Roderick Grech tressaq il-Qorti, ammetta l-akkuzi kontrih u nghatat sentenza;

v. Il-Kummissarju tal-Pulizija meta sar jaf bil-fatti kien ordna li ssir investigazzjoni, filwaqt li l-Ministru tal-Intern ordna sabiex il-Police Board jinvestiga u jhejji rapport.

Kienet zbaljata l-ewwel qorti meta fis-sentenza qalet li d-difiza tal-konvenut kienet dik ta'

[18] Cit Nru 2066/98.

*fair comment*. F'pagna 7 tas-sentenza l-qorti qalet:

> *"Bhalma gia gie osservat aktar il-fuq, id-difiza mqajjma mill-intimat fil-kawza odjerna kienet illi l-kummenti illi saru kienu fair comment fuq fatti sostanzjalment very illi kienu ta' interess pubbliku u ghalhekk ma setghux jitqiesu bhala malafamanti".*

Imbaghad ghaddiet biex ticcita mill-ktieb 'Gatley on Libel and Slander' u gurisprudenza, ghal dak li huma l-elementi tad-difiza ta' *fair comment*.

Id-difiza tal-konvenut qeghda fl-ewwel eccezzjoni li taqra:

> ***"Illi kull ma deher fil-kitba li minnha qed jilmenta r-rikorrenti huma fatti veri u li jigu ppruvati".***

Gialadarba l-konvenut ta d-difiza tal-verita tal-fatti, dak li hu rilevanti hu jekk il-fatti rapportati humiex veri ghal dak li jirrigwarda l-appellant. F'dan ir-rigward issir referenza ghal dawk il-partijiet tal-artikolu fejn inkiteb –

> ***"SPETTUR KIEN JAF BL-IZBALL... U M'GHAMEL XEJN"***, li huwa t-titolu tal-artikolu;
>
> ***"...sar zball akbar li Spettur iehor, li kien jaf li hemm persuna nnocenti l-habs, m'ghamel xejn minkejja l-obbligu tieghu kien jitlob li jaghmel";***
>
> ***"L-istess sorsi izda sahqu li kien hemm ferm zball akbar li bniedem innocenti thalla jumejn imsakkar meta l-Ufficjal tal-Pulizija kien jaf bl-innocenza tieghu"***;
>
> ***"Is-sorsi qalulna li l-Ispettur Taliana kien fid-dmir li jinforma lis-superjuri tieghu minnufih li kellu persuna ohra li ammetta r-reat biex immedjatament jibdew il-proceduri biex tinheles il-persuna li kienet arrestata illegalment u mhux imur il-Qort u jiddikjara li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn iz-zewg taqsimiet tal-Pulizija".***

Dawn il-brani jaghtu lil wiehed x'jifhem li fil-perjodu **kollu** li Darryl Luke Borg kien arrestat, l-attur kien jaf li hu nnocenti u ma ghamel xejn. Certament li dan ma kienx il-kaz.

Mill-provi rrizulta li:-

i. Fis-7 ta' Awissu Darryl Luke Borg tressaq il-qorti u giet michuda t-talba tieghu sabiex jinghata l-helsien mill-arrest.
ii. Kien fit-8 ta' Awissu filghaxija li waslet informazzjoni ghand l-attur li l-hold up kien twettaq minn certu Raymond Grech. Fil-fatt dakinhar stess din il-persuna giet arrestata wara li nhareg mandat ta' arrest fil-konfront taghha.
iii. Kien waqt l-interrogazzjoni ta' Raymond Grech li saret fid-9 ta' Awissu fil-11.00 ta' filghodu li l-attur kellu ammissjoni li Grech kien wettaq il-*hold up*. Dakinhar stess

Grech tressaq il-qorti u ammetta l-akkuzi, u l-qorti tat sentenza. Kien f'dak l-istadju li l-attur gharraf lis-superjuri tieghu b'dak li kien gara.

Wiehed jista' jargumenta jekk l-attur kellux igharraf lis-superjuri tieghu f'hin qabel ma fil-fatt gharrafhom, meta per ezempju kellu informazzjoni li l-hold up kien wettqu Roderick Grech jew minnufih kif Roderick Grech ammetta mal-attur li kien hu li wettaq il-hold up. L-ewwel qorti qalet:

*"Jirrizulta ben car illi kien hemm falliment serju fit-tmexxija tal-investigazzjoni da parti tal-pulizija, liema falliment wassal sabiex persuna tressqet il-Qorti, inzammet hemm arrestat ghal aktar minn gurnata wara illi r-rikorrent kien arresta lil Roderick Grech fuq provi konvincenti da parti tieghu li huwa kien ikkomeetta r-reat, u giet mehlusa mill-habs biss wara illi r-rikorrent ghogbu jgharraf lis-superjuri tieghu illi huwa kien arresta, ressaq u ottjena sentenza kontra Roderick Grech, liema Grech kien, minn rajh, ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu b'mod illi ghalhekk l-akkuzi illi kienu gew maghmula fil-konfront ta' Darryl Luke Borg kienu mhux ippruvati".*

L-attur xehed (seduta tas-27 ta' Jannar, 2014):

*"Jien ghandi nghid ghall-allegazzjoni li jiena ma kontx naf illi kien hemm xi hadd innocenti l-habs nghid anzi mill-investigazzjoni li kont ghamilt jien, qatt ma kien irrizultali illi kien hemm xi hadd innocenti jinsab il-habs…. Jiena mill-investigazzjonijiet meta jiena kellimt lit-tieni persuna li eventwalment arrestajt jien nghid illi jiena meta kellimtu aktar fhimt li dan kien komplici mal-ewwel persuna li tressaq iktar milli kien il-persuna involute ghar-raguni semplici li meta jiena staqsejtu fejn kienet il-pistola dana rrispondini billi qalli l-pistola kienet ghand terzi persuni. Jiena ghandi nghid allura illi jiena bl-ebda mod m'ghamilt zball ghax kif spjegajt qabel qatt ma hassejt li kont qed naghmel zball ghax hsibt li kont qed narresta persuna li kien komplici u l-izball attwalment sar mill-gazzetta fejn dawn indikaw li jiena ghamilt arrest bi zball meta attwalment mhu veru assolutament xejn minn dan kollu ghax kienet gidba".*

Il-qorti tosserva:-

i. Fit-8 ta' Awissu filghaxija l-attur kien gie nfurmat minn terza persuna li l-hold up kien wettqu Grech. Fatt li jirrizulta minn dak li hu stess iddikjara lill-Police Board.
ii. Mill-istqarrija li rrilaxxa Grech u li pprezenta l-attur stess, l-attur qatt ma seta' jkun qieghed jifhem li kien biss komplici mal-ewwel persuna. Fl-ebda parti tal-istqarrija m'hemm domanda f'dak is-sens, u wisq inqas m'hemm xi twegiba li l-pistola kienet ghand terzi. Fil-fatt ghad-domanda *"Inti lest li tirritorna l-balaclava u l-pistola lura lill-pulizija ?"*, wiegeb *"Iva"*.
iii. Ma jistax ikun li haseb li kien qieghed jarresta persuna li kienet komplici meta tqies dak li qal l-attur lill-Police Board (ara fol. 8 tar-rapport) u l-kontenut tal-istqarrija li ghamel Roderick Grech.
iv. Fl-artikolu ma nkitibx li l-attur kien arresta persuna zbaljata.

Li hu zgur hu li l-ewwel mument li l-appellant kellu certezza li r-reat twettaq minn Roderick Grech, kien waqt l-interrogatorju meta Grech ammetta. Stqarrija li skont ma

jinghad fl-istess dokument, saret fid-9 ta' Awissu mill-11.00 sal-11.30 ta' filghodu. Id-differenza bejn il-gurnata u l-hin hi sinifikanti. Fl-artikolu jinghata x'jifhem li matul il-jumejn li Borg ghamel arrestat, l-attur kien jaf bl-innocenza ta' Borg. Il-provi juru mod iehor. L-ewwel darba li l-attur seta' kellu xi hjiel li hemm persuna innocenti arrestata, kien fit-8 ta' Awissu ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija. Ovvjament f'dak l-istadju kien hemm bzonn li l-attur jinvestiga dak li kien qallu l-*informer*. Kien proprju ghalhekk li talab il-hrug ta' mandat ta' arrest, u Roderick Grech gie arrestat. Hemm ghalhekk differenza bejn dak dikjarat bhala fatt fl-artikolu u dak li gara fir-realta.

Fit-tieni lok, fl-artikolu gie rapportat bhala fatt li l-attur m'ghamel xejn minkejja li kien jaf li hemm persuna innocenti arrestata. Fil-fatt dak hu wkoll t-titlu tal-artikolu u fil-bidu tal-artikolu ntqal: *"sar zball akbar li Spettur iehor[19], li kien jaf li hemm persuna innocenti l-Habs, m'ghamel xejn minkejja l-obbligu tieghu kien jitlob li jaghmel"*. Dan hu *sweeping statement* li m'huwiex il-verita. Fl-ewwel lok kien grazzi wkoll ghall-investigazzjoni li ghamel l-attur li sar maghruf min effettivament kien wettaq il-*hold up*. Fatt li fl-artikolu ma nghata l-ebda importanza. Il-qorti taccetta li kif l-attur kellu l-ammissjoni ta' Grech, seta' gharraf lis-superjuri tieghu b'dak li kien irrizultalu fil-kors tal-investigazzjoni. Dan iktar u iktar meta tqies li fil-proceduri quddiem il-Police Board l-attur qal li qabel ressaq lil Grech il-qorti, kien ikkomunika mas-Supretendent Magri u staqsih kif jikteb l-akkuzi f'kaz ta' *hold up*. Kien ikun floku li f'dak l-istadju l-attur igharraf lis-superjur tieghu b'dak li kien irrizultalu u jiehu struzzjonijiet minghand. Pero' jibqa' l-fatt li minn x'hin Grech ammetta mal-attur li kien wettaq il-*hold up* sakemm il-qorti tatu sentenza ta' htija, ghaddew mhux iktar minn ftit sighat. Kif spiccat is-seduta kien l-attur stess li gharraf lis-superjuri tieghu b'dak li kien gara. Mill-investigazzjoni li saret mill-Bord tal-Pulizija irrizulta wkoll li l-attur kien fit-14.45 baghat messagg dwar dak li kien gara fil-qorti iktar qabel. Fic-cirkostanzi mhuwiex korrett li jinghad li l-attur m'ghamel xejn. Dan apparti li mill-provi lanqas ma rrizulta li waqt li kien quddiem il-qorti, l-attur qal, *"...li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn zewg taqsimiet tal-Pulizija"* kif intqal fl-artikolu.

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-qorti tikkonkludi li m'huwiex veru li:

i. L-attur kien jaf ghal jumejn shah li hemm persuna innocenti detenut; u
ii. L-attur m'ghamel xejn;

Fatti li l-qorti tqies li huma sostanzjali u li ghalhekk il-konvenut ma jistax jirnexxi fid-difiza tal-verita tal-fatti.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tal-ewwel qorti tat-28 ta' April, 2016 u:**

[19] Ir-riferenza hi ghall-attur.

**1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**2. Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt ewro (€500).**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.